MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 365/2014

**GO plc**
**C22334**

**vs**

**Mifsud Rosemabella**
**ID-0506173(M)**

## It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta` attrici ddikjarat li l-konvenuta ghandha taghti lis-socjeta attrici s-somma ta' elf, erba' mija, tmien ewro u tmienja u erbghin centezmu (€1,408.48c) bhala bilanc rimanenti minn somma akbar in konnessjoni ma' ftehim ta' pagamenti mensili datat 24 ta' Jannar 2007, Account Number 10041932.

Illi interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas il-konvenut baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa hija ingunta ghas-subizzjoni

Bl-ispejjez u drittijiet, u bl-imghaxijiet legali sa mill-4 ta' Settembru 2013 data ta' l-ahhar pagament akkont effettwat.

Ra d-dokumenti mehmuza ma' l-avviz tat-talba li gie mmarkat minn Dok.'A' sa Dok.'C'.

Ra li l-konvenuta ghalkemm giet notifikata ma resqitx risposta u ghalhekk ma ikkontestatx il-kawza odjerna.

Ra n-nota tas-socjeta` attrici datata 15 ta' Settembru 2014 li permezz taghha t-talba giet ridotta bl-ammont ta' mitejn u ghaxar ewwro (€210), u li ghalhekk il-bilanc rimanenti jammonta ghal elf, mija, tmienja u disghin ewro u tmienja u erbghin centezmu (€1,198.48c).

Ra n-nota tal-konvenuta datata 7 ta' Novembru 2014 li peremzz taghha t-talba attrici kif ridotta giet ammessa b'dan illi l-istess konvenuta talbet illi l-hlas tal-bilanc jigi imwettaq permezz ta' pagamenti rateali ta' hamsin ewro (€50) fix-xahar.

Fic-cirkostanzi t-Tribunal qed jilqa' it-talba tas-socjeta` attrici u qed jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-istess socjeta` attrici s-somma ta' elf, mija, tmienja u disghin ewro u tmienja u erbghin centezmu (€1,198.48c), liema somma ghandha tithallas permezz ta' pagamenti rateali ta' hamsin ewro (€50) fix-xahar b'dan illi fl-eventwalita` li l-konvenuta tonqos milli thallas puntwalment l-ammont hekk imsemmi ta' hamsin ewro (€50) fix-xahar allura titlef kwalunkwe beneficcju ta' terminu li ghalih tkun altrimenti intitolata.

Bl-imghax kif mitluba u bl-ispejjez kontra l-istess konvenuta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------